**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**v**

**IVAN RAPINETT**

**Illum, 20 ta' Settembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **IVAN RAPINETT** ta’ wiehed u tletin sena bin Saviour u Imelda nee Mifsud, imwieled l-Imtarfa fil-wiehed u ghoxrin ta’ Mejju, 1970 u joqghod numru 10, Triq l-Karmnu, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 256170M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Awissu, 2000 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta’ filghodu fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 621 Pierre Calleja, PC 844 Oliver Galea u PC 857 John Laferla, persuni

nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra PS 621 Pierre Calleja, PC 844 Oliver Galea u PC 857 John Laferla, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li jkunu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma jhallix jew ifixkel waqt li jkun jaghmel d-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd jindahal fi dmiru billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi igib fix-xejn jew jhassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id-dizubbidjenza jew dak l-indhil ma jkunx jaqa taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

4. Talli fi Pjazza Qalb ta' Gesu, f'San Giljan fl-istess jum, hin u cirkostanzi waddab flixkun tal-hgieg lejn d-direzzjoni tal-fond

Saddles Bar filwaqt li kien hemm in-nies barra dan l-istess fond.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja w ghoxrin ta' Awissu, 2000 esibit a fol 11 tal-atti bhala dokument P3, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lil partijiet jirrimettu ruhhom ghal provi processwali;

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta' Frar, 2001 xehed **PS 621 Pierre Calleja** kif jirrizulta a fol 25 tal-atti, fejn qal li jiftakar li lejliet il-festa ta' San Giljan u cioe fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu, 2000 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu, waqt li huwa kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, semgha xebgha storbju gej mid-direzzjoni tal-kazin tal-banda. F'daqqa wahda l-imputat, flimkien ma zewg minn

nies ohra, bdew jiccajtaw u filli ser jaqsmu t-triq u filli le, u dan b'mod ripettitiv. Huwa ghalhekk mar fuq dawn it-tlett minn nies u waqafhom mill-agir taghhom. Ghall-ewwel l-imputat kkopera mal-Ufficjal tal-Pulizija izda sussegwentement reggha beda jghamel l-istess.

Wara ftit semgha xi storbju gej mill-istabbiliment Saddles li jinsab faccata tal-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Huwa mar jinvestiga u jara x'kien gara u gie mgharraf li kienu dahlu xi nies gol-istabbiliment u gew mitfugha xi flixken. Huwa ra lil imputat fil-kumpanija ta' zewg minn nies ohra fil-pjazza u talbu jmur l-Ghassa. Waqt li kien fuq il-parapett huwa flimkien man-nies l-ohra kellhom xi jghidu ma zewg minn nies li kienu ghaddejjin minn hemmhekk. Huwa ghalhekk baghat lil imputat gol-bitha l-istess imputat beda jizkuza ruhu mal-Pulizija minnufih .

Illi tirrizulta diskrepanza bejn dak li xehed PS 621 Pierre Calleja viva voce l-Qorti u r-rapport li huwa ppresenta bhala okkorrenza liema okkorrenza tinsab esibita fl-atti a fol 29, ghaliex filwaqt li viva voce ex admissis jghid li "*rajt lil imputat donnu qed jitfa xi haga fid-direzzjoni u dak il-hin rajt nies jigru*", fl-okkorrenza

jghid "*all of a sudden I saw Rapinett throwing a bottle towards the direction of the Saddles Bar who at the time had several persons outside the same bar*."

Mistoqsi verbalment viva voce jekk rax lil imputat b'flixkun f'idejh, jirrispondi li kien hemm distanza u kien hemm d-dlam. Ghalhekk il-Qorti ma tantx tista taghti affidabilita lil okkorrenza esibita minn PS 621 Pierre Calleja.

**PC 857 John Laferla** jghid li fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu, 2000 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu waqt li kien fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan flimkien ma PS 621 Pierre Calleja u PC 844 Oliver Galea, semgha ghajjat u tkissir ta' flixkun lejn Tony's Bar li huwa faccata tal-istess Ghassa. Huwa ghalhekk mar hdejn il-bar u sab lil Patrick Cachia, Raymond Fabri u lil imputat. L-imputat gie arrestat. Mistoqsi jekk l-imputat offrix rezistenza sabiex jigu effettwat l-arrest huwa rrisponda fin-negattiv u in oltre fl-ebda hin ma qal li l-imputat hebb ghal xi Ufficjal tal-Pulizija. Hu kkonferma, kif jirrizulta a fol 33 tal-atti processwali li ma ra lil hadd jkisser flixkun izda semgha tifrik ta' flixkun.

Illi hija haga tal-ghageb li x-xhieda ta' PS 621 Pierre Calleja u dik ta' PC 857 John Laferla lanqas ma jaqblu ghaliex filwaqt li PS 621 Pierre Calleja jghid li l-incident inqala s-Saddles, PC 857 John Laferla jghid li l-incident inqala t-Tony's Bar. Issa, bejn dawn iz-zewg fondi hemm xi hames fondi ohra. Oltre dan, z-zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni jispjegaw l-incident minn angolu differenti.

Il-Prosekuzzjoni irrinunzjat ghax-xhieda ta' PC 844 Oliver Galea ghalkemm huwa kien presenti ma PS 621 Pierre Calleja u PC 857 John Laferla fuq il-post dakinhar tal-incident. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma ressqet lil Patrick Cachia jew lil Raymond Fabri, li kienu fil-kumpanija tal-imputat dakinhar tal-allegat incident, jixhdu l-Qorti. Hija strahet biss fuq ix-xhieda ta' PS 621 Pierre Calleja u dik ta' PC 857 John Laferla.

Il-Qorti hawnhekk tfakkar lil Prosekuzzjoni li huwa d-dover taghha li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragonevoli u l-imputat m'ghandu jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu peress li hija prezunta.

Il-Qorti wara li ghamlet apprezzament tax-xhieda prodotta certament thoss li l-akkuzi odjerni ma jirrizultawx ppruvati lanqas b'mod remot. Ma jirrizulta minn imkien, lanqas mix-xhieda ta' PS 621 Pierre Calleja u dik ta' PC 857 John Laferla, li l-imputat heddidhom, attakkhom, irrezistihom, ingurjhom jew ghamillhom xi offiza. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat waddab xi flixkun.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95(1), 96, 338(ee) u 339( c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi billi tiddikjara li ma ssibx lil imputat IVAN RAPINETT hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**